IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2015

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2015 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA (25 marka)

### Il-Komponiment

*Ikteb* ***madwar 350 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

1. Ikteb rakkont li jibda: *Għadni niftakar qisu lbieraħ...*
2. Il-ħanut tas-*souvenirs.*
3. Hawn wisq karozzi fit-toroq Maltin.
4. Ikteb it-taħdita li inti ġejt mistieden tagħti lil studenti li għadhom kif bdew l-iskola sekondarja dwar l-użu ħażin u tajjeb tal-internet. Agħti titlu lil din it-taħdita.

## IT-TIENI TAQSIMA (22 marka)

### A. Fehim it-Test

*Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.*

L-obeżità saret problema kbira f'pajjiżna. It-tfal Maltin huma fost l-eħxen fid-dinja. L-obeżità fit-tfal u l-adolexxenti hi kundizzjoni medika li għandha tittieħed bis-serjetà minħabba l-konsegwenzi fuq is-saħħa u l-ħajja tagħhom.

Il-ġisem tat-tfal għandu bżonn l-enerġija biex jiffunzjona, jikber, u jibqa' sħun. Iżda jekk jieħdu aktar kaloriji milli għandhom bżonn, l-ikel żejjed jinbidel f'xaħam u jinħażen fil-ġisem u b'hekk jiżdied il-piż. Tfal li jkollhom piż żejjed jistgħu jbatu minn problemi emozzjonali bħal dwejjaq, dipressjoni, stima baxxa tagħhom infushom, u mġiba ħażina. Jistgħu wkoll ibatu minn problemi soċjali bħal *bullying,* jitwarrbu minn sħabhom u joqogħdu lura mill-isports u attivitajiet oħra.

Il-ġenituri għandhom irwol ewlieni biex jgħinu 'l uliedhom jikkontrollaw il-piż billi jderruhom jieklu ikel bnin u nutrittiv filwaqt li jinkoraġġuhom ikunu akar attivi. Kif jgħidu, l-eżempju jkaxkar u għalhekk il-ġenituri għandhom jibdew jimxu ftit iżjed u jużaw inqas il-karozza speċjalment meta jakkumpanjaw lil uliedhom f'postijiet mhux 'il bogħod mill-inħawi fejn joqogħdu. Il-ġenituri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex isibu ftit sigħat fil-ġimgħa fejn kull membru tal-familja jagħmel attività fiżika u jqatta' inqas ħin quddiem il-mezzi soċjali li sfortunatament qegħdin jinkoraġġixxu stil ta' ħajja sedentarja.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-iskejjel ukoll jistgħu joħolqu ambjent li jinkoraġġixxi l-ħarsien tas-saħħa tat-tfal billi jisħqu fuq l-importanza ta' dieti tajbin. Ħafna skejjel dan jagħmluh billi ma jippermettux li l-istudenti jieħdu magħhom l-iskola ikel b'ħafna zokkor, xaħmijiet, u mluħa. Hemm evidenza, li kulma tmur qiegħda aktar tiżdied, li dieta xierqa bbażata fuq ikel nutrittiv u kolazzjon tajjeb, tqawwi l-kapaċità għall-konċentrazzjoni u t-tagħlim.

Iżda sabiex jiġi evitat li t-tfal ikunu esposti għal messaġġi li ma jaqblux bejniethom, jeħtieġ li l-isforzi tal-edukazzjoni dwar is-saħħa mill-ġenituri u l-iskejjel jiġu appoġġjati minn sforzi mill-*media*, mis-servizzi tas-saħħa, mis-soċjetà ċivili, u minn setturi oħra bħalma huma l-ħwienet tal-ikel. It-tagħrif dwar il-kontenut nutrittiv tal-prodotti huwa element importanti f'dan ir-rigward. Ir-reklamar, mill-banda l-oħra, m'għandux iqarraq bil-konsumaturi speċjalment meta l-konsumaturi tal-prodott ikunu tfal.

Barra minn hekk, għandhom jiżdiedu l-isforzi, biex fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu, l-ikel li hu tajjeb għas-saħħa jkun aktar aċċessibbli, jiġifieri jiġi offrut f'*take aways*, ħaġa li s'issa f'Malta għadha mhix qed issir biżżejjed. Kif ngħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn u għalhekk l-ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa għandu jiġi ppreparat b'mod li jħajjar lit-tfal, ikun varjat, u fl-istess ħin bi prezz għall-but ta' kulħadd.

Għalkemm is-soluzzjoni għall-problema tal-obeżità fit-tfal mhix faċli, lanqas ma hija impossibbli. Din il-problema tista' tintrebaħ billi ndaħħlu bidliet żgħar imma permanenti fid-dieta u naddottaw stil ta' ħajja aktar attiva.

*Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt.*

1. Agħżel it-tajba minn dawn:
   a. F'Malta nsibu l-aktar tfal ħoxnin fid-dinja.
   b. F'Malta ma nsibux tfal ħoxnin.
   ċ. F'Malta nsibu ħafna tfal ħoxnin meta nqabblu ma' pajjiżi oħra fid-dinja.
   d. F'Malta nsibu li t-tfal huma ħoxnin l-istess bħal tfal oħra f'pajjiżi oħra fid-dinja.

2. Kif jiżdied il-piż żejjed fit-tfal?

3. X'jistgħu jkunu l-effetti tal-piż żejjed fuq it-tfal?

4. Taħseb li l-kittieb jemmen li l-ġenituri u l-iskejjel jistgħu jegħlbu l-problema tal-obeżità f'pajjiżna waħedhom? Għaliex?

5. Skont il-fehma tal-kittieb x'jista' jsir sabiex nieklu ikel nutrittiv fil-ħajja mgħaġġla tal-lum?

6. Skont dak li qrajt, semmi ż-żewġ fatturi prinċipali li jwasslu għall-obeżità.

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

**B. Għarfien il-Lingwa**

1. Fisser l-espressjonijiet b'sing taħthom skont il-kuntest.

"Kif ngħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn u għalhekk l-ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa għandu jiġi ppreparat b'mod li jħajjar lit-tfal, ikun varjat, u fl-istess ħin bi prezz għall-but ta' kulħadd." *(minn paragrafu 6)*

(2 marki kull waħda = 4 marki)

2. Agħti kliem ieħor għall-kliem li għandu linja taħtu skont it-tifsira tiegħu fis-silta:

   a. Il-ġisem tat-tfal għandu bżonn l-enerġija biex jiffunzjona, jikber, u jibqa' sħun. *(minn paragrafu 2)*

   b. L-iskejjel ukoll jistgħu joħolqu ambjent li jinkoraġġixxi l-ħarsien tas-saħħa tat-tfal billi jisħqu fuq l-importanza ta' dieti tajbin. *(minn paragrafu 4)*

   ċ. It-tagħrif dwar il-kontenut nutrittiv tal-prodotti huwa element importanti f'dan ir-rigward. *(minn paragrafu 5)*

(marka kull waħda = 3 marki)

3. Sib kelma jew frażi li tfisser:
   a. postijiet *(minn paragrafu 3)*
   b. jagħmlu ħilithom *(minn paragrafu 3)*
   ċ. ta' bilqiegħda, bla ċaqliq, u moviment *(minn paragrafu 3)*

(marka kull waħda = 3 marki)

**IT-TIELET TAQSIMA** **(14-il marka)**

**Il-Grammatika**

*Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:*

Qabel ma tniżżel id-dgħajsa l-baħar kun żgur li d-dgħajsa u l-apparat tagħha huma f'kundizzjoni tajba. Ippjana kemm se ddum u ħu ħsieb li tagħżel lil xi ħadd li joqgħod attent għalik. Ara li tul it-traġitt ikun hemm postijiet ta' lqugħ fejn iddaħħal il-mirkeb tiegħek għall-kenn mir-riħ qawwi. Ħalli d-dettalji tar-rotta u n-numru ta' kuntatt ma' xi ħadd li jibqa' d-dar. F'każ li jinbidel xi dettall ħu ħsieb li dan jiġi infurmat.

1. Mis-silta sib verb tat-tieni forma.
2. Agħti l-plural ta' dgħajsa.
3. Ikteb il-plural ta' ħsieb.
4. Mis-silta sib u ikteb nom verbali.
5. Agħti l-plural ta' joqgħod.
6. Mis-silta sib u ikteb verb tas-seba' forma.
7. Agħti z-zokk morfemiku ta' Ippjana.
8. Oħroġ verb minn kuntatt.
9. Agħti l-plural ta' rotta.
10. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv.
11. Oħroġ nom minn attent.
12. Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv.
13. Mis-silta sib u ikteb nom mimmat.
14. Agħti l-għerq ta' ddum.

(marka kull waħda = 14-il marka)

## IR-RABA' TAQSIMA (12-il marka)

### Ir-Rapport

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk ser tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.*

a. Immaġina li inti wieħed mill-għassiesa tas-sigurtà fuq ix-xtut fejn isir l-għawm. Ikteb rapport dwar inċident li seħħ fil-bajja matul il-ġimgħa li għaddiet.

*Jew*

b. Trakk mgħobbi bil-ġebel ħa n-nar waqt li kien tiela' telgħa wieqfa fi triq prinċipali. Ikteb rapport għal gazzetta dwar dan l-inċident.

## IL-ĦAMES TAQSIMA (12-il marka)

### L-Ittra

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.*

a. Dan l-aħħar qattajt tmiem il-ġimgħa mal-familja tiegħek f'lukanda lussuża iżda ħriġt iddiżappuntat/a bis-servizz li ngħatajt. Ikteb ittra lill-maniġer tal-lukanda biex turi d-diżappunt tiegħek.
Ismek: Sandra / Sandro Cassar
L-indirizz tiegħek: 70, Triq in-Narċis, Ħal Warda, WRD 1565
L-indirizz tal-lukanda: *Ħotel Malta,* Triq it-Turisti, Tas-Sliema, SLM 1365

*Jew*

b. Ikteb ittra elettronika lill-ħabib/a tiegħek li fiha tħajru/tħajjarha sabiex jingħaqad/tingħaqad miegħek biex tagħmlu xogħol volontarju. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).
Ismek: Sandra / Sandro Sammut
L-indirizz elettroniku tiegħek: sand@stud.mt
Ħabib/a: Lina / Lino Attard
L-indirizz elettroniku tal-ħabib/a: latt@stud.mt

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.............................................................................................................................
.............................................................................................................................
.............................................................................................................................

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2015

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2015 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA
### Ir-Referenza għall-Kuntest
### Poeżija
### (20 marka)

**Agħżel poeżija WAĦDA minn poeżija A jew poeżija B.**

*A. Aqra sewwa din is-silta ta' poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

**<u>Aqta' Fjura u Ibni Kamra</u>** *Immanuel Mifsud*

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax ... dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma *boathouse* fuq il-blat;
Anki 'l baħar agħmel tiegħek
U ħallik mill-pixxispad.

Tagħtix kas li l-baħar tiela'
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

1. X'inhi t-tema ewlenija ta' din is-silta? (3 marki)

2. a) Il-poeta lil min qiegħed jindirizza f'din il-poeżija? (3 marki)
   b) Xi nsejħulha din il-figura tat-taħdit? (marka)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3. a) X'inhu t-ton ta' din il-poeżija? (marka)
   b) X'inhu l-effett tiegħu fuq il-poeżija sħiħa? (4 marki)

4. a) Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta fil-poeżija sħiħa. (5 marki)
   b) Għaliex taħseb qed jużaha din ix-xorta ta' metrika? (2 marki)

5. Skont dak li jikteb il-poeta, il-bniedem (marka)
   (i) iħobb jistad għall-pixxispad.
   (ii) jobdi l-liġijiet tal-pajjiż.
   (iii) huwa egoist u jaħseb għal rasu.
   (iv) jagħmel kollox biex l-ambjent ma jintmissx.

**JEW**

*B. Aqra sewwa din is-silta ta' poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

**Geraldine** *Trevor Żahra*

U ommi spiċċat tgħidli:
"Hawn ara ċ-ċintorin,
Indewwaqhulek
Jekk tagħmilha aktar ma' Geraldine!"
U għalkemm bqajna ħbieb
Marritli l-ħila,
U bdejt infittex aktar lis-subien
Inkella lilha;
Għax ngħid is-sew
Il-biża' mill-imbierek ċintorin
Kien akbar mill-imħabba
Ta' Geraldine!
U llum
Li għaddew jiġru daqstant snin
Għadni niftakar ta' kultant
F'Geraldine
B'għajnejha blu u b'xagħarha nnukklat,
U wiċċha mgermed,
U l-qmis imkemmxa
U d-dublett tagħha dejjem mimli trab;
Geraldine ...
Ħabiba favorita,
Li magħha għall-ewwel darba doqt
Frotta pprojbita.

1. a) X'inhuma ż-żewġ emozzjonijiet, waħda tegħleb lill-oħra, li jħoss il-poeta? (2 marki)
   b) Orbot dawn iż-żewġ emozzjonijiet mal-bqija tal-poeżija. (2 marki)

2. a) Minn fejn hija meħuda r-referenza li l-poeta jagħmel, f'parti oħra tal-poeżija, bil-kliem, *"Ibni, attent minn mara li ttik frotta!"*? (2 marki)
   b) Xi jrid ifisser in-nannu meta jgħid dan il-kliem? (3 marki)

3. a) Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta fil-poeżija sħiħa. (3 marki)
   b) Għaliex taħseb li qed jużaha din ix-xorta ta' metrika? (2 marki)

4. a) X'figura tat-taħdit insibu f'dawn il-versi: *"Hawn ara ċ-ċintorin,/ Indewwaqhulek/ Jekk tagħmilha aktar ma' Geraldine!"*? (marka)
   b) Spjegaha. (4 marki)

5. Geraldine kienet tifla (marka)
   (i) dejjem liebsa pulit.
   (ii) kuraġġuża.
   (iii) mistħija.
   (iv) fqira.

**IT-TIENI TAQSIMA**

**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Proża**
**(20 marka)**

**Agħżel silta WAĦDA minn silta Ċ jew silta D.**

*Ċ. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

**Ittri lil Marta** *Joe Friggieri*

Kuljum, qabel ma jasal tal-posta, kienet toħroġ fil-bieb tistennieh. Kuljum tal-posta kien jieqaf quddiemha u jnewlilha ittra. Kienet tidħol fil-kċina, tiftaħha b'sikkina, u taqraha qisha ħajjitha tiddependi minnha. Malli tara d-dawl il-linka kienet tibda titfi u l-kliem jibjad ftit ftit sakemm jgħib għalkollox.

L-ittri ma kinux ikunu ffirmati. Imma fis-sitt xhur li kienet ilha tirċivihom saret taf kważi kollox min kien jibgħathomlha. Kien pittur ta' tlieta u għoxrin sena, ismar, twil, u b'ħarsa ta' swied il-qalb f'għajnejh żoroq. Hekk kien iddeskriva lilu nnifsu fl-ewwel ittra. U hi emmnitu.

Kien iħobb jgħum qabel titla' x-xemx u jippassiġġa f'xatt il-baħar fi nżulha. Meta jitla' mill-baħar kien iħossu bniedem ġdid u waqt il-passiġġati kien jaħseb fiha. Kien jgħidilha fi xħin iqum u xħin imur jorqod, u kien ifissrilha x'jagħmel u fejn imur matul il-ġurnata. Qatt ma qalilha xejn dwar l-imħabba, u wara dawk l-ittri kollha ma kinitx taf kienx miżżewweġ, jew għarus, jew kienx iddeċieda li jibqa' ġuvni.

Darba tal-posta wasal tard. Ħatfitlu l-ittra minn idu u fetħitha bla telf ta' żmien. Kien fiha biss tliet kelmiet: "Marta, qed inpinġik."

1. a) L-ittri li kienet tirċievi Marta kienu ittri ta' mħabba? (marka)
   b) Islet sentenza, jew parti minn sentenza, biex issaħħaħ l-argument tiegħek u spjegaha. (3 marki)

2. a) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-kliem, *"qisha ħajjitha tiddependi minnha,"* fl-ewwel paragrafu? (marka)
   b) X'effett joħloq l-awtur b'din il-figura tat-taħdit? (3 marki)

3. a) Minn dak li naqraw f'din is-silta, kif nagħrfu li l-awtur qed joħloq atmosfera ta' misteru? (3 marki)
   b) Fil-bqija tan-novella, semmi tliet sitwazzjonijiet oħra fejn jinħass dan il-misteru. (3 marki)

4. a) Fl-aħħar paragrafu naqraw, *"Ħatfitlu l-ittra minn idu."* X'effett joħloq in-narratur b'dan il-kliem? (2 marki)
   b) Kif jitqabbel dan l-effett ma' tmiem in-novella? (3marki)

5. Din is-silta ta' proża hija (marka)
   (i) narrattiva.
   (ii) deskrittiva.
   (iii) konverżazzjoni.

**JEW**

*D. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

**Ċensina** *Lino Spiteri*

Ħares madwaru għat-tieni darba. Kamra żgħira bi tliet ħitan, trepied stramb ma jistenna joqgħod xejn fuqu. Fuq naħa, ftuħ ta' bieb mingħajr injam, jinqata' b'purtiera qadima, nofsha miġbuda. Fuq oħra, sodda bla saqqu b'xugaman jew tnejn fuqha, it-tarf tagħha jagħmilha ta' siġġu. Mat-tielet ħajt, l-iskart tal-ħolqien.

Gzuz ħwejjeġ imqattgħin, kappell tat-tibna, par biċċiet plastik milli jintlibsu ma' dirgħajn it-tfal biex jitgħallmu jgħumu, kappell ieħor tat-tibna, tużżana jew iżjed rollijiet tal-karti tal-loki – il-kartun biss mingħajr il-karti: xtaq jistaqsiha għalfejn, x'se tagħmel bihom? Iżda kull mistoqsija ħassha barra minn lokha, hemm tweġiba għaliha qabel issir u hu jmissu jafha, anki jekk mifxul kobba.

"Tibżax, Sinjur, iva jien nivvutalek tafx. Imma trid tgħidli kif. Turini, hux, meta naslu? Ma terġax tiġi, tgħid?"

Ilsienu twil u lablabi ħassu oħxon f'ħalqu u niexef fl-istess ħin. Imdorri b'kollox, bħal din, x'jisimha? Vinċenza, qallu r-reġistru f'idu, ma' bħalha ma kien iltaqa' qatt. Trepied flok erba' ħitan. Faqar sieket jitkellem. Imbarazz mingħajr ħmieġ. Ħajja mingħajr għajxien.

"Ngħidlek, mela le, Ċens... Nerġa' niġi u ngħidlek x'tagħmel, iva. U grazzi... Imm'issa għidli int: nista' naqdik xi ħaġa?"

1. a) Is-silta tibda bis-sentenza, *"Ħares madwaru għat-tieni darba."* Għaliex taħseb li ħares għat-tieni darba? (2 marki)
   b) X'effett qed joħloq l-awtur b'din is-sentenza? (2 marki)

2. a) L-ewwel żewġ paragrafi ta' din is-silta huma deskrittivi jew narrattivi? (marka)
   b) X'sehem għandhom dawn iż-żewġ paragrafi fil-bqija tan-novella? (3 marki)

3. Minn dak li naqraw f'din is-silta, ikteb żewġ karatteristiċi li nsiru nafu dwar il-karattru ta' Ċensina. Saħħaħ l-argument tiegħek billi tirreferi għal dak li jikteb in-narratur. (4 marki)

4. a) X'figuri tat-taħdit tinnota f'din is-sentenza, *"Faqar sieket jitkellem."*? (2 marki)
   b) Fisser l-effett li l-awtur joħloq bihom u rreferi għall-bqija tan-novella. (5 marki)

5. Is-silta tispiċċa billi d-deputat isaqsi lil Ċensina, *"nista' naqdik xi ħaġa?"*. Dan jgħidu għax (marka)

   (i) ried jgħidilha xi ħaġa u ma sabx x'jgħid.
   (ii) ried jeħles minnha.
   (iii) kienet mara ħelwa.
   (iv) jixtieq sinċerament jgħinha.

## IT-TIELET TAQSIMA
## Il-Komponiment Letterarju
(fuq *Bejn Ħaltejn* minbarra *Il-Ħarsa ta' Rużann*)
**(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.*

1. Ikteb dwar id-differenzi li tinnota bejn il-karattru tal-mara/poetessa fil-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado u l-mara li niltaqgħu magħha fin-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri.

2. Mument ta' ferħ jista' jinbidel f'radda ta' salib. Ikteb dwar dan l-argument skont dak li naqraw fil-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u n-novella *Xtara l-Ħut fil-Baħar* ta' Laurence Mizzi.

## IR-RABA' TAQSIMA
## Il-Komponiment Letterarju
(fuq *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer)
**(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.*

1. Agħmel analiżi tal-karattru ta' Rużann skont dak li naqraw dwarha fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

2. Iddiskuti b'liema mod fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* Francis Ebejer jisħaq kemm hi importanti l-edukazzjoni fl-iżvilupp tal-bniedem.